**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Neil Harrison)**

**vs**

**Joseph Aquilina ta' 22 sena, iben**
**Paul u Helen nee Grech,**
**mwieled Pieta' fil-5 ta' Lulju, 1975,**
**joqghod, Blk F, Flat 13, Housing**
**Estate, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita'**
**numru 320075(M).**

**Illum 11 ta' Jannar, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Joseph Aquilina li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fid-9 ta' Ottubru, 1997 u fl-ahhar gimghat qabel dina d-data:

(a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza, dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i, jew ghall-persun/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-drogi Perikoluzi (G. N. 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga msemmija, minghajr ma

kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonjiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G. N. 292/1939), kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

(b) Ukoll talli kellu fil-pussess tighu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjni ghall-importazzjni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal0-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwr il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli wkoll ikkommetta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta' 100 metru minn perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazugh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh, bi ksur tal-artiklu 22(2) tal-ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli wkoll fis-16 ta' Ottubru, 1997 ghall-habta ta' 1.30 ta' wara nofsinhar fir-Rahal il-Gdid:

(c) fi proceduri kriminali, ikkorrompa xhud (Emanuel Barbara) b'theddid, sabiex jaghti xhieda falza jew jaghti tifsir falz, bi ksur tal-artikolu 102 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

(d) ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Emanuel Barbara,

(e) hebb ghal Emanuel Barbara, sabiex jingurjah, jheddu jew jaghmel hsara lil dina l-persuna,

(f) talli sar recidiv b'7 sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-16.12.93, 5.9.94, 26.10.94, 24.7.95, 1.1.96, 27.2.96, 31.1.96,

(g) talli kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati tal-10.12.96,

(h) talli ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-5.3.97.

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi mressqa quddiem Qorti Kriminali (a fol 33).

Rat li l-akkuzat Joseph Aquilina wiegeb li mhux hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li fin-nota ta' l-Avukat Generali datat 5 ta' Jannar, 1999, iddecieda li l-akkuzat ghandu jigi processat quddiem din il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat il-provi kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat.

Rat l-atti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Facial Mahouachi fejn l-istess taht gurament stqarr li hu kien xtara droga eroina minghand Joseph taz-Zebbugija. Qal fl-istess kawza li hu kien hallas lil Joseph taz-Zebbugija b'gizirana li kellu fuqu, din kienet gizirana tad-deheb li maghha kellha mdendel pendent fil-forma ta' ballun football zghir.

Fis-seduta tat-30 ta' Jannar, 1998, Facial Mahouachi xehed quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta. Xehed li hu kien dahal l-isptar b'overdose. Qal li kien ha zewg pakketti eroina u li taghhom kien ta lill-bejjiegh gizirana tad-deheb li maghha kellha mdendel football zghir li huwa ddeskriva bhala vojt ( a fol 107). Qal li l-gizirana kienet tal-mara tieghu Doreen u li kien xtrahielha versu l-prezz ta' Lm 80. Zied li minn meta kien ta din il-gizirana lil Joseph iz-Zebbugija hu qatt ma kien raha izjed hlief meta giet murija lilu fil-Qorti.

Facial Mahouachi gharaf lill-imputat Joseph Aquilina bhala dik il-persuna li minghandha kien xtara l-eroina, zied li l-istess kellu l-laqam taz-

Zebbugija. Qal ukoll li hu ltaqa ma' l-akkuzat gewwa Rahal Gdid hdejn il-bandli, faccata ta' l-iskola naqra 'l isfel mill-Knisja. Iddeskriva illi l-akkuzat kien bil-mutur, iswed gdid. Fil-fatt l-istess Facial Mahouachi gharaf l-istess mutur mir-ritratti esebiti bhala Dok JA5. Spjega Mahouachi li d-droga Aquilina harigha minn gol-mutur, ezattament mill-mera. Fl-istqarrija guramentata zied li l-pakkett kien mohbi gol-mera tax-xellug u li hemm hekk Aquilina kellu madwar hamsa u ghoxrin qartas iehor. Viva voce spjega dwar fejn kienu mohbija l-qratas b'dan il-mod meta gie mistoqsi "Fejn kienu mohbija fil-mera?" wiegeb "Fil-genb , mhux fil-mera ezatt. Fit-tarf, kien hemm gomma mwahhla go hekk" ( a fol 112). Xehed ukoll li hu kien xtara droga ghal xi darbtejn minghand l-akkuzat.

Xehdet ukoll Doreen Mahouachi l-mara ta' Facial. Qalet li zewgha kellu problema. Qalet li gieli sabet affarijiet neqsin mid-dar bhal affarijiet tad-deheb. Iddeskriviet gizirana nieqsa fi kliemha bhala "kien choker ta' mara, kellu bicciet qishom kaxxi, kaxxa katina kaxxa u mbaghad kellu qisha bocca". Ziedet li kien tad-deheb isfar u li mdendel mieghu kellu bocca hafifa bid-disinji bil- ".. forma taghha tonda ddisinjata mhux plain" ( a fol 223). Din ix-xhud fil-fatt giet murija gizirana esebita u din b'certezza gharfet li kienet l-istess wahda li kienet taghha. In kontro ezami baqghet tinsisti li l-gizirana kienet zgur taghha u dan b'certezza.

Xehed l-Ispettur Neil Harrison dwar kif wasal biex arresta l-akkuzat u ressqu bl-akkuzi dedotti kontra tieghu. Spjega l-akkuzi li ressaq kontra Facial Mahouachi u kif l-istess Facial Mahouachi kien indikalu lil hu kien xtara droga minghand "certu Joseph Aquilina maghruf bhala z-Zebbugija u li hu (cioe Mahouachi) kien xtara d-droga meta kien iltaqa' mieghu fi gnien pubbliku li hemm wara l-Knisja Parrokkjali ta' Rahal Gdid fejn l-

iskola tal-Gvern" (a fol 54). Zied l-Ufficjal Prosekutur "Huwa (dejjem b'referenza ghal Mahouachi) qalilna li dan il-pakkett li kien tah, kien ma' pakketti ohra li l-imputat kien indikahulna Facial kien jahbi gol-mera tal-mutur li kien juza. Fil-fatt qalilna li s-side mirror tal-mutur kienet on the left hand side tal-mutur. Qalilna wkoll li kien xtara eroina minghandu fi tliet okkazjonijiet ohra. Fil-fatt qalilna li fil-gurnata ta' qabel meta xtara l-eroina peress li huwa ma kellux flus kien hallsu billi ghaddielu gizirana tad-deheb li dina kellha bhala pendent ballun tal-football" (a fol 55).

L-Ispettur Harrison xehed li stante hekk huwa fid-9 ta' Ottubru, kien baghat lil membri tad-drug squad WPS 102 Ruth Magro fil-post indikat lilhom minn Mahouachi biex jekk jaraw hemm lill-imputat iwaqqfuh u jaghmlulu tfittxija. F'din l-operazzjoni hadu sehem barra WPS 102, PC 23 u PC 1057.

Jirrizulta mix-xhieda ta' dawn l-ufficjali tal-pulizija li fil-post hekk indikat minn Mahouachi huma sabu lill-imputat fuq mutur iswed fil-kumpanija ta' certu Emanuel Barbara u Sandro Attard.

Fil-fatt WPS 102 Ruth Magro xehdet li fid-9 ta' Ottubru, 1997 hi marret fil-pjazza tal-bandli tal-iskola tal-Primarja ta' Rahal Gdid hemm osservat mutur Typhoon iswed bin-numru IBB 212 li kien fejn Fiesta bajda tal-kiri bin-numru ta' registrazzjoni X 5716. Gharfet l-imputat prezenti hdejn l-istess mutur. Xehdet li kif waslu fuqu sabu sachet, qartas ma' l-art. Komplew it-tfittxija u li PC 1057 "minn gol-mera tal-mutur fejn kien hemm lastku, nizel il-lastiku u tahtha sab sachet iehor, qartas iehor" (a fol 69). Gie elevat kollox. Xehdet ukoll li saret ukoll tfittxija fid-dar ta' l-imputat u waqt l-istess search Joseph Aquilina neza minn fuqu chocker u li din kienet l-istess gizirana li hi kellha struzzjonijiet li televa u cioe

"gizirana li maghha kellha ballun tal-football imdendel, kienet ta' kulur isfar" (a fol 70). Gharfet l-istess dokumenti elevati Dok JA qartas u Dok JA3, il-gizirana, precedentement esebiti mill-Ufficjal Prosekutur.

PC 1057 Mario Cuschieri kkonferma dak li qalet is-Surgent WPS 102 kemm dwar il-qratas ma' l-art kemm dwar il-qartas li nstab fil-lastiku tal-mera tal-mutur, kemm dwar il-prezenza ta' l-imputat fuq il-post kif ukoll dwar il-gizirana kif gia fuq inghad. Ikkkonferma wkoll l-identita' ta' l-istess oggetti meta gie muri Dok JA u Dok JA3.

L-istess rakkont xehdu PC 23 Stefan Calleja.

Xehed ukoll l-Ispizjar Mario Mifsud nominat mill-Qorti Istruttorja biex jezamina l-qratas gia hawn fuq imsemmija kif ukoll folji ta' pitazzi elevati mill-Pulizija hawn fuq imsemmija mir-residenza ta' l-imputat. Mir-relazzjoni ta' l-ispizjar Dok MM, jirrizulta rizultat negattiv bejn il-bicciet tal-karti elevati. Jirrizulta Pero' li t-trab kannella li nstab fil-qratas elevati (Dok 98 AGL 01 u 02 fir-relazzjoni) kellu fih ammont nett totali ta' 0.051 grammi, li fih instabet l-eroina.

Xehed ukoll il-perit Richard Aquilina wkoll nominat minn din il-Qorti diversament preseduta. Fir-relazzjoni tieghu Dok RA ikkonkluda illi "...li kemm il-Gnien Boffa kif ukoll l-iskola Primarja jinstabu f'distanza ta' inqas minn mitt metru mill-post fejn kien instab l-imputat u l-qratas li semmew fix-xhieda".

L-Ispettur Neil Harrison xehed ukoll a fol 57 u 58 li fil-11 ta' Ottubru, tas-sena 1997 gie mitkellem mill-Avukat ta' Emanuel Barbara dwar xi incident li kien sofra dan. Ghaldaqstant l-Ufficjal Prosekutur kien baghat

ghall-istess Barbara li quddiem din il-Qorti xehed is-segwenti. Jigi rilevat qabel li tal-griehi sofferti minn Barbara l-ispettur esebixxa ghaxar ritratti mmarkati bhala Dok MB2 u zewg certifikati medici dokumentati bhal Dok MB u MB1.

Barbara xehed li hu kien gie arrestat minn hdejn il-bandli ta' Rahal Gdid nhar id-9 ta' Ottubru, 1997 meta kien fil-prezenza ta' l-imputat li hu gharaf prezenti fl-Awla. Ikkonferma li l-imputat kien b'mutur u li fil-vicinanzi instab pakkett "daqs nofs sebgha" ( a fol 183). Ikkonferma wkoll il-prezenza ta' Sandro Attard. Qal li granet wara dan l-arrest hareg minghand ommu li toqghod hdejn il-bandli ta' Rahal Gdid, kif wasal hdejn kantuniera sema break ta' karozza li kienet misjuqa mill-imputat. L-istess imputat hareg mill-karozza, talbu biex ikellmu, "... ma tanix cans, tani daqqa ta' ponn, u laqatni fuq imniehri". Zied aktar tard "Ghandi nghid ukoll li ghalkemm jiena kont stordut l-imputat xorta baqa jaghtini u jien hrabtlu. Ghandi nghid li l-ewwel tani daqq ta' ponn go mniehri u mbaghad beda jaghtini bl-addocc, bis-sieq, go sidri u fejn isib" ( a fol 185). Zied ukoll li hu l-imputat ma kellux jaghtih xi flus, lanqas biss kien jaf x'jismu u li dakinhar li kien se jiddeponi waqt li kien fil-lock up isfel semghu jghid "mbaghad nitkellmu jien u inti" (a fol 185). Qal li kien jaf li l-imputat kien qed jindirizza lilu ghax meta qal dan id-diskors kien qed ihares lejh.

Il-griehi sofferti minn Emanuel Barabara gew certifikati bhala ta' natura hafifa Dok MB1 (a fol 66).

Xehed ukoll rappresentant tad-Direttur tal-Licenzji ( a fol 116) dwar il-mutur Piaggio Typhoon bin-numru ta' registrazzjoni IBB 212. Qal li dan kien irregistrat fuq Josheph Aquilina, cioe l-imputat (ara numru karta ta'l-

identita') u li gie hekk registrat fid-9 ta' Ottubru, 1997. In difiza ttella' jixhed in konnessjoni mad-data ta' l-akkuza u tar-registrazzjoni ta' din il-vettura. Godfrey Scerri Sales & Marketing Manager mal-kumpanija M Demajo & Co. Ltd. Dan ikkonferma li l-mutur kien inxtara mill-imputat fis-7 ta' Ottubru, 1997 prova ta' dan esebixxa "Sales Agreement" bejn il-kumpanija msemmija u l-imputat datat 7 ta' Ottubru, 1997. Mistoqsi meta giet 'delivered' l-istess vettura, stante li r-registrazzjoni taghha kienet fid-9 ta' Ottubru, cioe jumejn wara, qabel ma' l-assunzjoni li d-data tad-delivery hija dik li tidher fuq il-logbook cioe id-9 ta' Ottubru.

Rat il-verbal tad-Difiza datat 10 ta' Gunju, 1998 fejn l-istess ezentat il-Prosekuzzjoni milli ttella' l-prova ta' l-identita' dwar is-sentenzi esebiti.

Rat iz-zewg stqarrijiet rilaxxati mill-imputat Dok JA7, JA8 a fol 62 – 64.

Rat ix-xhieda li l-imputat ta minn jeddu fejn innega dak allegat minn Mahouachi fil-konfront tieghu u cioe li hu kien ibiegh id-droga eroina. Anzi ta informazzjoni minn fejn hu kien jixtri droga eroina flimkien ma' l-istess Mahouachi. Hawn semma tnejn min-nies u ta deskrizzjoni taghhom li l-Qorti ma thossx, minhabba l-pubblicita' ta' dan il-gudizzju, li ghandha ssemmi.

Dwar ic-choker tad-deheb xehed li dan kien mixtri minn missieru u li l-istess choker kien inzamm mill-AC Rizzo waqt investigazzjoni. Dwar il-ballun imdendel ma' l-istess choker xehed li dan kien gie ghandu bi tpartit meta kien il-habs. Dwar dak li gie allegat kontra tieghu fil-konfront ta' Emanuel Barbara spjega li dan l-incident gara "minhabba l-fatt li jien ghandi ommi marida bil-cancer u kienu ftit nies li jafu li jien

kont niehu l-eroina forsi xi erba' hamsa min-nies". Zied "sirt naf li Barbara kien qed ixerred din l-informazzjoni fuqi u kien kagun ta' hekk li konna ggilidna" (a fol 241). Kompla jghid li lanqas biss kien jaf li Barbara kien ghamel xi statement kontra tieghu. Ikkonferma li l-mutur li llum jinsab konfiskat xtrah fid-9 ta' Ottubru. Dwar il-qartas li gie misjub fuqu, cahad li kien jinnegozja fl-istess ghal fatt li dan kien nofs qartas li kien xtara ghal ghaxar liri u ghalhekk ma kienx se jerga jbieghu ghall-istess prezz. Dwar il-fatt li Mahouachi kien xehed li hu kien zamm hamsa u ghoxrin pakkett eroina gol-mera tal-mutur, spjega li n-nofs pakkett li kienu sabulu l-Pulizija kien qieghed gol-plastic li jghatti l-iskorfina li hemm fil-mera tal-mutur u li kien dahhal dan in-nofs pakkett hemmhekk "...b'diffikulta' ahseb u ara kemm ser inpoggi hamsa u ghoxrin pakkett" (a fol 242).

In kontro ezami l-imputat xehed hekk "Dakinhar li gejt intercettat mill-Pulizija nstab ukoll pakkett iehor ma' l-art u nstab minghalija hdejn saqajn Barbara. Il-mutur kont xtrajtu dakinhar stess fil-ghodu fid-9 ta' Ottubru, 1997. Jien ninnega dak li xehed Mahouachi fuqi li jien beghtlu d-droga u jien nibqa ninsisti li qatt ma ttraffikajt fid-droga. Jien il- Facial qabel ma gejt intercettat mill-Pulizija fid-9 ta' Ottubru, 1997 forsi kont rajtu xi jumejn qabel jista' jkun xi granet qabel." ( a fol 243) (Sottolinear huwa enfazi tal-Qorti).

Xehed missier l-imputat in difesa. Ta' importanza hu dak li qal fuq ic-choker u cioe li hu kien xtara lil ibnu, choker simili ghal dak esebit ghaxar snin ilu u ta' dan esebixxa Dok PA li hija rcevuta ta' choker 18 carat. Ippreciza li fil-fatt ma kienx hu li xtara l-istess gizirana imma kien ta l-flus lil ibnu l-imputat u kien xtrah hu.

Ikkonsidrat.

Illi l-imputat innega kategorikament li huwa kien qed jittraffika fid-droga eroina, sostna li n-nofs qartas misjub got-tubu tal-mera kien ghal uzu personali tieghu, oltre hekk donnu ried jimplika li Barbara kien involut hu fit-traffiku tad-droga, ghaliex skond l-imputat il-qartas li kien ma’ l-art instab hdejn saqajn Barbara.  Tali negazzjoni trid tigi bilancata ma’ dak li xehed Mahouachi mhux tant ghax ippunta subajghh lejn l-imputat, imma ghall-fatt li l-imputat instab fil-lok u sit ezatt indikat minn Mahouachi, bil-mutur indikat minn Mahouachi u aktar spikkanti li d-droga kienet mohbija fil-lok indikat minn Mahouachi.  Tikkorrobora wkoll il-verzjoni ta’ Facial Mahouachi s-sejba tal-gizirana deskritta minnu fuq il-persuna ta’ l-imputat.

Dwar dan ic-choker jigi premess ukoll li ghalekmm il-Qorti m’ghandhiex ghax ma temminx lil Paul Aquilina, missier l-imputat li hu kien ta l-flus lil ibnu ghaxar snin ilu biex jixtri choker, pero’ ma kienx hu li xtara l-istess gizirana, li murija lilu cioe dik esebita qal biss li kienet simili.  Fatt iehor li jitfa dell fuq il-kredibilita’ ta’ l-imputat hu li sapendo bl-ezistenza ta’ l-imsemmija rcevuta datata 23.07.90 (a fol 255A prodotta mil-missier in difesa), meta xehed minn jeddu biddel il-verzjoni li kien ta a tempo vergine fl-istqarrija Dok JA 7 li dik ic-choker kienet mixtrija hames snin ilu.

Il-kredibilita’ ta’ l-imputat hija mxejna wkoll bil-verzjoni li ta hu fil-konfront ta’ Barbara.  Fit-tieni stqarrija minnu rilaxxata wara l-incident ma’ Barbara ma jsemmi xejn dwar il-preokkupazzjoni li semma fuq il-marda ta’ ommu meta xehed quddiem din il-Qorti.  Terga u tghid din il-preokkupazzjoni li kellu l-imputat li ommu ssir taf li hu kien qed jiehu d-

droga hija perplessanti tenut kont tas-sentenzi kollha li gew esebiti kontra tieghu, kif ukoll tal-fatt li meta xehdu Paul u Helen Aquilina, l-genituri ta' l-imputat fis-seduta tat-12 ta' April, 2000 urew il-preokkupazzjoni u rispett veru li binhom l-imputat ghandu lejn il-kundizzjoni tas-sahha ta' ommu, tant li dan jhedded, ikisser u jghajjarha. Irid ghalhekk l-imputat li jitwemmen li kien preokkupat minhabba f'ommu li ssir taf li hu jiehu d-droga u li kien ghalhekk li hebb ghal Emanuel Barbara?

Rat ukoll id-dokument JA5, cioe l-erba' ritratti tal-mutur esebiti mill-Ufficjal Proskeutur, b'mod specjali dak li l-Qorti immarkat fuq wara tieghu bin-numru wiehed li juri l-lastiku taht liema kienet mohbija l-qartas fis-search u skond l-istess Mahouachi.

Ghaldaqstant tenut dak kollu premess issibu hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuzi bl-assorbiment tal-akkuza (b) f'dik (a), hati ukoll talli kkommetta r-reat imsemmi fl-akkuzi (a) f'distanza ta' mitt metru parametru minn skola primarja u Gnien Boffa u dan wara li  rat l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, hati wkoll ta' l-akkuza (c) u konsegwentement stante li kienet rizultat taghha hati wkoll ta l-akkuza (d) u dan wara li rat l-artikolu 102 tal-Kap 9 u l-artikolu 221 ta l-imsemmi Kap. Issibu hati wkoll ta' l-akkuza (e) li  pero' hija assorbita fl-akkuza (d) u dan wara li rat l-artiklu 339 tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta. Rat wkoll ta' l-akkuza kontemplata fil-paragrafu (h) u cioe dik tar-recidiva u dan wara li rat l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9. Hati wkoll ta' l-akkuza kontemplat fil-paragrafu (g) ta' l-akkuza u dan wara li rat l-artikoli 338(dd), 221(1), 95(1), 96(a), 325(b), 383 tal-Kap 9 u l-artikolu 10(b) tal-kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-ahharnett isibu hati ta' l-akkuza kkontemplata fil-paragrafu (h) u dan wara li rat l-artikolu 28A u 28B tal-Kap 9.

Rat id-digriet tal-Qorti Kriminali datat 1 ta' Novembru, 2001, fejn l-istess Qorti baghtet "lura l-Atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tghaddi biex tintegra s-sentenza taghha b'piena skond il-ligi."

Ghaldaqstant wara li rat lil gia msemmija artikoli rat ukoll l-artikoli 31 u 17 tal-Kap 9, tikkundanna lil Joseph Aquilina ghal piena karcerarja kumplessiva ta' hames snin u ghal multa ta' tlett elef liri Maltin (Lm 3000), rat ukoll l-artikolu 28A u 28B tal-kap 9 u tordna illi dik is-sentenza sospiza datata 5 ta' Marzu, 1997 (a fol 173 tal-process) tibda ssehh mil-llum. Rat ukoll l-artiklu 10(b) tal-Kap 152 kif ukoll l-artikoli msemmija fis-sentenza datata 10.12.96 a fol 157 u cioe 338dd, 221(1), 95(1), 96(a), 325 u 383 u l-artikolu 17 lkoll tal-Kap 9 u tikkundanna lil Joseph Aquilina ghal piena karcerarja ta' sena habs.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.

Dwar il-piena rat li l-akkuzat fil-5 ta' Marzu 1997 kien ikkundannat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghal sentejn habs sospizi ghal erba' snin. Rat li l-akkuza odjerna hija datata 9 ta' Ottubru, 1997, ghalhekk tali reat jaqa fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, tqis li in vista tal-htija kif hawn fuq premess, u in vista tal-artiklu 22 tal-Kap 101 tal-Ligjiet ta' Malta l-piena ghandha tkun wahda karcerarja, rat ukoll il-verbal tal-10.06.98 (fol 171) fejn id-difiza ezentat lill-Ufficjal Prosekutur milli jtella' l-prova ta' l-identita', rat l-artiklu 28C (2) u l-proviso tieghu, rat l-art 28E (3) lkoll tal-Kap 9, qeghda ghaldaqstant tibghat dawn l-atti lill-Qorti Kriminali biex ai termini ta' l-istess artikoli tiddeciedi hi l-piena li ghandha tkun imposta fuq l-istess Joseph Aquilina u dan taht il-kundizzjonijiet gia mposti fuqu meta gie akkordat il-beneficcju tal-helsien mill-arrest mill-qorti kif preseduta fit- 3.08.99 u qeghda ghal dan l-iskop terga taqra l-istess kundizzjonijiet lil Joseph Aquilina.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.